

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 5 - Reati tat-traffiku fit-triq u reati minuri oħra

5 - Reati tat-traffiku fit-triq u reati minuri oħra

X'azzjoni tittieħed fir-rigward ta' reati tat-traffiku fit-triq?

Reati minuri, bħal sewqan b'veloċità eċċessiva, l-użu ta' telefon ċellulari waqt is-sewqan jew ipparkjar illegali normalment jiġu ttrattati permezz ta' "avviż ta' penali fissa", li jagħtik żmien definit biex tħallas multa bil-posta. Jekk ma tħallasx il-multa, il-każ tiegħek jittella' l-qorti. Jista' jagħti l-każ li tingħata avviż fil-ħin meta jsir ir-reat, iżda jista' wkoll jintbagħatlek avviż fl-indirizz tiegħek.

Uħud mill-avviżi ta' multa fissa jistgħu jinvolvu ż-żieda ta' "punti penali" fuq il-liċenzja tiegħek tas-sewqan. Jekk jingħatawlek tnax-il punt penali b'kollox fi żmien tliet snin, ma tkunx tista' ssuq aktar fl-Irlanda. Jekk tħallas l-avviż ta' penali fissa, jingħatawlek inqas punti penali milli kieku l-każ tiegħek kellu jittella' l-Qorti bir-riżultat li tiġi kkundannat. Bħalissa l-Unjoni Ewropea qed taħdem fuq proġett li permezz tiegħu se jiġu armonizzati r-rekords kollha relatati mal-liċenzji tas-sewqan tal-Istati Membri.

Ir-reati relatati mas-sewqan kważi dejjem jiġu mmaniġġjati minn membru tal-Gardaí komuni. Għandek tkun taf li l-liġi Irlandiża tistipula li s-sewwieqa kollha li jsuqu fl-Irlanda għandhom iżommu l-liċenzja tas-sewqan fuqhom, u li għandhom jippreżentawha f'każ li tintalab minn membru tal-Gardaí.

Jekk inti ċittadin ta' Stat Membru ieħor u toqgħod ġewwa l-Irlanda, int tiġi ttrattat bl-istess mod matul il-proċess kollu, daqs li kieku kont ċittadin Irlandiż.

[Iskeda Informattiva 4](#)

Dawn ir-reati jitniżżlu fuq il-kondotta tiegħi?

[Iskeda Informattiva 4](#)

X'azzjoni tittieħed fir-rigward ta' reati minuri oħra?

L-aktar reati minuri komuni li jsejnhu huma s-sewqan b'veloċità eċċessiva u l-użu ta' telefon ċellulari waqt is-sewqan. Diversi reati oħra, bħal pereżempju l-użu ta' karreġġjati riżervati għall-karozzi tal-linja, jistgħu jiġu ttrattati permezz ta' "avviż ta' penali fissa", iżda ma jinvolvux l-għoti ta' punti penali. Sewqan mingħajr attenzjoni xierqa għal persuni oħra li jkun qad jużaw it-triq, li jinvolvi sewqan ta' traskuraġni, jinvolvi l-għoti ta' multa u ta' punti penali.

Jekk ma tħallasx l-avviż ta' penali fissa, tittella' l-qorti. Bħal kif issemma hawn fuq, il-każ jinstema' f'Qorti Distrettwali. Kif issemma' hawn fuq, dejjem tista' tappella kontra deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali.

■ L-aħħar aġġornament: 06/08/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.